MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 24 ta' Novembru 2016**
**(Distrett Qawra)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Leslie Galea**
**(ID: 56865M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Leslie Galea** talli fit-13 ta' Lulju 2016 ghall-habta tas-13:30hrs gewwa Triq il-Mosta, San Pawl il-Bahar:

1. Bl-imgieba tieghu ikkaguna lil James Demanuele jibza' li kienet ser tintuza vjolenza kontra l-persuna tieghu jew kontra l-proprjeta' tieghu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew kontra xi persuna ohra.

2. U aktar talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta` ta' James Demanuele (Kap 9 sec 383).

Semghet ix-xhieda tal-kwerelant u tal-imputat;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi jirrizulta illi l-kwerelant u l-imputat ilhom bi kwistjonijiet bejniethom ghal madwar ghaxar snin u dan fir-rigward tal-ex tfajla tal-imputat li ghal xi zmien kienet tohrog mal-kwerelant.

Illi jirrizulta illi fil-gurnata in kwistjoni l-kwerelant kien San Pawl il-Bahar jistenna fuq stage u ghadda l-imputat bil-vettura tieghu u waqaf quddiemu u ralu xi haga tleqq f'idu. Il-kwerelant beza' minnu ghax diga' kellu incidenti precedenti mieghu u telaq jahrab fejn fit-triq iltaqa' ma' vettura tal-Pulizija u marru l-Ghassa tal-Qawra fejn wara gie mitkellem ukoll l-imputat fejn ammetta li ried jikkonfronta lill-kwerelant fuq xi diskors li huwa qal fuq l-ex partner tieghu.

Illi mill-provi prodotti il-Qorti hija konvinta li l-fatti graw kif rakkuntati mill-kwerelant.

Illi fir-rigward tal-addebitu tar-recidiva, il-Qorti tirrileva li filwaqt li l-imputat jista' jigi konsiderat bhala recidiv ai termini tal-artikolu 49, ma jistax jigi hekk konsiderat ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali.

**DECIDE**

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat artikolu 49 u 251 (3) tal-Kodici Kriminali qieghdha tiddikjara lill-imputat **Leslie Galea,** bhala recidiv, hati tal-ewwel imputazzjoni u tikkundannah ghal sitt (6) xhur prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju ai termini tal-artikolu 28A (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien tlett (3) snin.

In oltre, il-Qorti peress illi jidhrilha li huwa xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta` ta` James Demanuele qieghdha torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta` elf Euro (€1000) ghal zmien sena mill-llum, u dana ai termini ta` l-Artikolu 383 tal-Kap 9.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur